# KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-KELLIEMA MILL-BOGĦOD F'LAQGĦAT U KONFERENZI MULTILINGWI

Biex tgawdi bis-sħiħ mis-sehem tiegħek u tiżgura li l-messaġġ tiegħek jinftiehem fil-lingwi kollha, ***iċċekja l-kwalità tal-ħoss tiegħek!***




## *Kollox jiddependi fuq il-konnessjoni*

- Aqbad b'kejbil Ethernet għal internet stabbli u ħoss ċar.
- Jekk le, WiFi b'saħħtu ħafna u stabbli biss jipprovdi l-kwalità tal-ħoss meħtieġ.
- Ittestja l-konnessjoni u l-ħoss tiegħek qabel il-laqgħa, meta tiġi mistieden mill-organizzatur tal-laqgħa.

## *Tagħmir li jagħmel id-differenza*

***Hija r-responsabbiltà tiegħek li tuża l-konnessjoni u t-tagħmir xierqa.***

- Uża mikrofonu desktop unidirezzjonali USB estern.
- Tużax headphones Bluetooth, headphones b'mikrofonu integrat, headphones stil smartphone, mikrofoni mibnija fil-PC/webcam tiegħek, mikrofoni/speakerphones kollettivi jew omnidirezzjonali.
- Aqbad mill-kompjuter tiegħek. Taqbadx mit-telefon jew mit-tablet tiegħek.
- Ladarba tqabbad mikrofonu mal-kompjuter tiegħek, għażlu fis-settings tal-awdjo tas-softwer li ser tuża.

## *Kun af meta jmissek*

- Tkellem biss meta tingħata l-kelma.
- Iċċekkja jekk il-mikrofonu u l-kamera tiegħek humiex mixgħula.
- Dejjem żomm il-mikrofonu mitfi meta ma jkunx imissek titkellem.

## *Għażel il-post it-tajjeb*

- Aqbad minn ambjent imdawwal tajjeb u kwiet bħal uffiċċju.
- Evita kmamar kbar u bi ftit għamara li jistgħu joħolqu eku.
- Taqbadx minn postijiet storbjużi, postijiet pubbliċi, minn barra jew waqt li tkun qed tiċċaqlaq. Taqbadx mingħajr immaġini.
- Barra minn hekk, postijiet pubbliċi jikkompromettu s-sigurtà, peress li ta' madwarek jistgħu jisimgħu dak li qed tgħid.
- Dejjem ixgħel il-kamera: indikazzjonijiet mhux verbali huma kruċjali għall-komunikazzjoni.

## *Għamlu tieghek*

- Tkellem b'mod naturali u evita li taqra.
- Jekk ser taqra, aqra bil-mod. Inkludi waqfiet u enunzja b'mod ċar l-elementi ewlenin.
- Ibgħat in-noti tat-taħdit tiegħek bil-quddiem lill-organizzatur tal-laqgħa ħalli jaqsamhom mal-interpreti.

## *Għin lill-interpreti biex huma jgħinu lilek*

- Osserva dan il-kodiċi ta' kondotta biex tinftiehem mill-parteċipanti kollha.
- Jekk il-ħoss tiegħek fqir, l-interpreti ma jistgħux jinterpretawk.
- Għal aktar informazzjoni, ***iċċekkja d-dikjarazzjoni ta' ċaħda***.

***Peress li naħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, jekk jogħġbok iċċekkja l-video li ġej għal aktar suġġerimenti:***

Europese Commissie | Interpretazzjoni

# TAGĦMIR RAKKOMANDAT




Mikrofonu Desktop USB unidirezzjonali
125Hz - 15000Hz

# TUŻAX



Mikrofonu mibni fil-laptop tiegħek



Mikrofonu omnidirezzjonali



Bluetooth bla fili




Webcam mic headphones



Earphones bil-fili b'mikrofonu



Earplugs Bluetooth bla fili

# MIKROFONI LI JIPPROVDU KWALITÀ TAL-ĦOSS MEĦTIEĠA GĦALL-INTERPRETAZZJONI

**L-istituzzjonijiet tal-UE sabu li l-mikrofoni li ġejjin huma xierqa għal-laqgħat onlajn bl-interpretazzjoni.**
**Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji biss.**




* Rode NT USB Mini



* Razer Seiren Mini




* AKG ARA
bl-użu ta' patter kardjojdi



Blue Yeti Nano
bl-użu ta' mudell kardjojdi



Beyerdynamic FOX
bl-użu ta' funzjoni high gain




Blue Snowball
bl-użu ta' mudell kardjojdi



Shure MV5
b'setting newtrali




Shure MV7
+ stand / tripod

* Mgħammar bl-aħjar aċċessorji (stand, montatura kontra x-xokkijiet) u faċli ħafna għall-utent (swiċċ tal-mudell)